

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Ġunju 2012 — Davids vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-105/11) ⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Membru tal-persunal temporanju li jikkupa pozzizzjoni permanenti — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni — Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Artikolu 4 tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF, tat-30 ta' Ġunju 2005, dwar il-politika ġdida fil-qasam tar-reklutaġġ u l-impjieg tal-persunal temporanju tal-OLAF — Żmien massimu tal-kuntratti ta' membru tal-persunal temporanju — Abbuż ta' dritt)

(2012/C 227/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Hans Davids (Doorn, il-Pajjiżi l-Baxxi), (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal proroga tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju fis-sens tal-Artikolu 2(b) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 6, 7.1.2012, p. 26.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2012 — ZZ vs EMA

(Kawża F-47/12)

(2012/C 227/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini li ma tirrikonoxxix l-invalidità permanenti tar-rikorrent u li ma tagħtihx allowance tal-invalidità.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, tal-15 ta' Settembru 2011, li ma tagħtihx allowance tal-invalidità lir-rikorrent minħabba l-invalidità permanenti kkunsidrata bħala totali li tpoġġih fl-impossibbiltà li jeżerċita funzjonijiet li jikkorrispondu għal impjieg fil-grupp tal-funzjonijiet u fil-grad tiegħu;

— sa fejn ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tiegħu tas-16 ta' Jannar 2012;

— tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-57/12)

(2012/C 227/63)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipresa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-allowance ta' invalidità tar-rikorrent għax-xhur bejn Ġunju u Settembru 2011.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u sa fejn, *ultraque inċerta sunt*, teżisti, jiċħad it-talba tad-19/10/2011;

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u sa fejn, *ultraque inċerta sunt*, teżisti, jiċħad l-ilment tal-20/10/2011;

— jannulla kull waħda mid-deċiżjonijiet, jekk u sa fejn dawn jeżistu, *ultraque inċerta sunt*, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni naqqset illegalment, mill-ħlas ta' kull xahar tal-allowance tal-invalidità dovuta lir-rikorrent għax-xhur bejn Ġunju u Settembru 2011, somom ta' flus li jammontaw għal EUR 1 661 u jannulla d-deċiżjonijiet, jekk u sa fejn dawn jeżistu, li jitwettaq dan it-tnaqqis;

— jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 1 661, u iktar minn hekk l-interessi fuq din is-somma bir-rata ta' 15 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali li jibdeu jiddekorru mis-27.10.2010 sal-ġurnata li fiha jseħħ l-imsemmi ħlas;